MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tat-12 ta' Gunju, 2012

Citazzjoni Numru. 170/2004

**Emanuel Sant**

**vs**

**Nazzareno Vella, u b'digriet tal-Qorti tat-2 ta' Lulju 2004, interveniet fil-kawza Elmo Insurance Limited**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni mressqa minn Emanuel Sant li, wara li ppremetta illi:

Filwaqt li l-attur kien qed isuq il-vettura numru ta' registrazzjoni HON 011 nhar il-25 ta' Frar 2003 f'Burmarrad, huwa safa investit minn trakk misjuq mill-konvenut (Dok. A);

Kagun ta’ l-istess kollizzjoni, l-attur soffra danni inkluz dawk fil-vettura, ‘loss of use’ u deprezzament (Dok. B u C);

Il-konvenut assuma responsabilita’ ghall-istess kollizzjoni;

Is-socjeta’ assikuratrici tal-vettura misjuqa mill-konvenut hallset unikament il-hsara materjali fil-vettura u s-somma ta’ mitejn u hamsin Lira [Lm250] (Dok. D) ghal-‘loss of use’;

Sia l-konvenut u sia s-socjeta’ assikuratrici tal-vettura misjuqa mill-konvenut naqsu li jhallsu d-differenza fil-‘loss of use’ (Dok. E) u d-deprezzament fil-valur tal-vettura (Dok. F);

Ghalkemm debitament interpellati, huma baqghu inadempjenti.

Talab il-konvenut jghid ghalfejn din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex:

Tillikwida d-danni sofferti mill-attur rizultanti mill-kollizzjoni li sehhet fil-25 ta’ Frar 2003, konsistenti fil-‘loss of use’ li baqa’ ma thallasx u fid-deprezzament fil-valur tal-vettura occorrendo permezz ta’ perit nominandi.

Tikkundanna lill-konvenut ihallas dik is-somma hekk likwidata.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra interpellatorja datata l-1 ta’ Settembru 2003, ta’ l-ittra ufficjali datata 20 ta’ Novembru 2003, ta’ l-ittra ufficjali prezentata kontestwalment kontra s-socjeta’ assiguratrici tal-konvenut ai termini tal-Kap. 104, u bl-interessi sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut mil-lum ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat li, ghalkemm debitament notifikat, Nazzareno Vella ghazel li ma jwegibx u lanqas deher fis-seduti. Lanqas ma deher biex iressaq sottomissjonijiet finali.

Rat id-digriet ta’ din il-Qorti diversament presjeduta moghti fit-2 ta’ Lulju 2004, li permezz tieghu, intlaqghet it-talba tas-socjeta’ Elmo Insurance Limited li tithalla tidhol fil-kawza “in statu et terminis”.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ta’ l-istess socjeta’ intervenuta, li in forza taghha eccepiet illi:

L-eccipjenti, fil-kwalita’ taghha ta’ assikuratur tal-konvenut u a tenur ta’ l-obbligi legali taghha, taccetta li taghmel tajjeb ghad-danni li l-attur <u>materjalment u attwalment</u> garrab konsegwenza ta’ l-incident awtomobilistiku in kwistjoni sakemm l-attur jaghmel il-prova skont il-ligi tad-danni pretizi minnu, u prevja l-verifika ta’ l-istess, occorrendo permezz ta’ periti mahtura minn din il-Qorti.

Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi permezz ta’ dawn il-proceduri, Emanuel Sant qieghed jitlob lill-Qorti tikkundanna lil Nazzareno Vella jhallsu danni mgarrba mill-istess Sant wara incident awtomobilistiku li gara fil-25 ta’ Frar 2003. Nazzareno Vella ma ressaq ebda eccezzjoni.

<u>Fatti</u>

Jirrizulta illi fil-25 ta’ Frar 2003, l-attur kien qieghed isuq vettura tieghu Mercedes Benz M Class ML270 (4x4) meta qala’ daqqa minn vettura TFA 484 tat-tip “Caterpillar” fuq wara. L-assikurazzjoni ta’ din ta’ l-ahhar accettat il-htija u hallset ghat-tiswija tal-vettura ta’ l-attur, pero’, ma hallsitx ghad-danni kollha relatati ma’ “loss of use”. Lanqas ma hallset ghan-nuqqas ta’ valur li ssubiet il-vettura kawza ta’ l-incident.

L-attur xehed hekk:

"*Jien sid il-vettura tal-marka Mercedes Benz M Class ML270 CDI (automatic 4x4) numru ta' registrazzjoni HON-011.*

*Kelli incident fit-23 ta' Frar 2003 meta qlajt daqqa ta' gaffa minn wara, numru TFA 484. Dana meta kont wieqaf.*

*Illi s-socjeta' assiguratrici tal-konvenut – Elmo Insurance – assumew it-tort u di fatti hallsu d-danni materjali lis-socjeta' assikuratrici tieghu – Atlas Insurance – billi kelli polza ta' assikurazzjoni 'full comprehensive'.*

*Lili hallsuni biss mitejn u hamsin Lira Maltin (Lm250) ta' karozza meta effettivament jiena hallast elf, sitt mija u sitta u hamsin Lira Maltin (Lm1,656). Jiena ma kelli l-ebda kontroll fuq il-parts li kellhom jingiebu minn barra. Fuq dan, jixhdu ahjar ta' l-Atlas Insurance, Auto Sales Ltd., l-agenti tal-karozza – u ta' l-Autofactors li jgibu x-xoghol.*

*Mhux biss, izda dina hija karozza ta' valur qawwi. Dina swietni tnejn u tletin elf u hames mitt Lira Maltin (Lm32,000).*

*Id-daqqa li qalghet tnaqqsilha l-valur taghha. Ta' dan, jien qed nitlob kumpens kif stmat minn Charles Pace – Mosta Autodealers – bniedem li qieghed fis-suq.*"

Charles Pace, negozjant tal-karozzi iccertifika hekk dwar il-valur tal-vettura wara t-tiswijiet:

"*I, Charles Pace, hereunder signed, Company Proprieter of the above-mentioned firm, hereby declares that in my opinion Mr. Emanuel Sant (ID Card No. 861953M), residing at Porto Paolo, Flat 4, Triq Bordino, St. Paul's Bay, owned car, a Mercedes Benz ML270 CDI (Reg. No. HON 011) had damages to the roof whereby the depreciation of the car has gone down by Lm6,000 to Lm Lm7,000.*"

Ic-certifikat minnu rilaxxat gie konfermat bil-gurament u l-affidavit relattiv jinsab esebit in atti a fol. 47.

L-attur xehed ukoll illi tul il-perjodu li damet biex issewwiet il-karozza tieghu, huwa kera karozza. L-ircevuta relattiva hija esebita in atti u turi li l-attur nefaq l-ammont ta' Lm1,656 f'kera. Din l-istess ricevuta hija konfermata bil-gurament minn Mark Muscat u l-affidavit relattiv gie esebit in atti a fol. 45.

Il-valur originali tal-vettura ta' l-attur ma gie kontestat bl-ebda mod. Il-vettura kienet inxtrat ghall-ammont ta' Lm32,500 u kopja tal-kuntratt ta' bejgh giet esebita in atti a fol. 40.

Din il-Qorti kkunsidrat ukoll il-fattur tad-dewmien sakemm issewwiet il-vettura. F'dan il-kuntest xehed rapprezentant tas-socjeta' li ssupplixxiet il-"parts" ghat-tiswija:

"*Fis-sena 2003, ahna peress illi suppliers ta` Atlas Insurance, Marzu tas-sena 2003 Atlas Insurance talbuna naghtuhom stima tal-parts li kien hemm bzonn biex tissewwa l-Mercedes. Stess wara nofs in-nhar ahna morna ghand l-agent, Auto Sales Ltd, biex ingibu stima, jiem wara l-agent talabna iktar informazzjoni biex ikun jista` johrog stima. Ma ghandix record ta` meta fil-fatt giet l-istima minghand l-agent pero` fil-11 ta` April, ta 2003, ahna ordnajniehom lil agent wara li kellna l-go ahead minghand Atlas Insurance. Il-go ahead minghand Atlas Insurance generalment jigi permezz ta` telefonata. Nordnaw l-affarijiet dak in-nhar stess illi tigi l-go ahead minghand Atlas Insurance. Il-parts waslu fis-7 ta` Mejju ta` l-istess sena.*"

Jghid ukoll:

"*Ahna dak iz-zmien kellna kuntratt nissupplixxu lil Atlas Insurance bil-parts meta l-parts li jkunu jridu jigu ordnata ikunu jridu jkunu originali, ahna ngibuhom minghand l-agent u kienu Atlas li kienu jordnawlna li ngibuhom minghand l-agent. Meta jiena ghamilt l-ordni ma` Kinds ma kien hemm xejn available in stock mill-parts li kellna*

*bzonn. Kollox kellu jigi ordnat. Jekk kien hemm kienet xi haga zghira. Ma ppruvajtx ingib il-partijiet originali dirett minghand is-supplier barra minn Malta. Ahna ma naghmluhiex. Ahna qatt ma kellna kuntatti mas-suppliers tal-Mercedes barra u hija procedura illi l-agent ta` Malta ma jinqabizx. Jiena f`dan il-kaz qatt ma ghamilt ordni minghand suppliers barranin. Meta saret l-ordni ghand Kinds, dawn qaluli illi jdumu xi 4 gimghat biex jaslu. Jiena nkun avvzajt li ha jdumu daqshekk kemm lil Atlas u kif ukoll lil garage.*"

Martin Gauci, li sewwa l-karozza kkonferma d-dewmien u qal:

"*Ma nafx ezatt kemm kienet damet ghandi l-karozza pero` naf li damet hafna peress li d-daqqa li kellha fuq wara kienet daqqa kbira u l-parts illi kellha bzonn jinbidlu ma kienux instabu malajr ghand l-agent.*"

Fic-cirkostanzi, ghaldaqstant, din il-Qorti tqis li t-talbiet ta' l-attur huma gustifikati u jisthoqqilhom li jigu milqugha.

Ghaldaqstant, il-Qorti, fil-kontumacja tal-konvenut, tichad l-eccezzjonijiet ta' Elmo Insurance Limited, taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet ta' l-attur, b'dana illi tillikwida d-danni sofferti mill-attur fl-ammont ta' sbatax-il elf, tmien mija u tlieta u tletin Ewro u tmienja u sittin centezmu (€17,833.68), ekwivalenti ghal sebat elef, sitt mija u sitta u hamsin Lira Maltin (Lm7,656), bl-ispejjez u imghaxijiet kif mitluba fir-rikors promotur.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu minn Nazzareno Vella.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------